24 SEP 2024

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 602**

**L-Erbgħa 21 ta' Awwissu, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fil-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**602.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

602.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Marc Vella Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Marc Vella Bonnici jkun skużat.

**602.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

602.2.1 Il-minuti tas-601 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino.

**602.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

602.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv lis-Sindku u lill-Kunsillieri dwar it-tiġdid tal-*vacation leave*. Dan peress li minħabba pressjonijiet ta' xogħol ma setgħetx tagħmel użu sħiħ mill-*entitlement* tal-*vacation leave* u għalhekk talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iġedded il-massimu ta' *vacation leave* għas-sena 2025. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jirrakkomanda lid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali biex dan it-tiġdid jiġi approvat.

602.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali m' aċċettax it-talba tal-Kunsill biex jingħata konċessjoni skond il-linji gwida 3.5 u jestendi l-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani ZLC 1/2020R. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sostna li l-Kunsill kellu biżżejjed ħin biex joħroġ sejħa għal-offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-ħin disponibbli ma kienx biżżejjed minħabba li l-proċess jinvolvi t-tħejjija tad-dokument għas-sejħa tal-offerti, il-kisba tal-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u wara mid-Dipartiment tal-*Green Public Procurement* (GPP). Barra minn hekk, kompliet iċċarat li hemm perjodu matul ix-xahar t' Awwissu, li fih is-sejħa tal-offerti ma tistax tiġi ppubblikata fil-pjattaforma elettronika tal-akkwist (EPPS). Id-dokument irid jiġi ppubblikat għal 21 ġurnata, segwit mill-proċess ta' evalwazzjoni, talbiet potenzjali ta' kjarifika, approvazzjoni tal-offerti u l-possibbiltà ta' appell. Madankollu, is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li wara li rċeviet r-risposta, hija ppreparat immedjatament id-dokument għas-sejħa għall-offerti u bagħtitu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-attenzjoni tagħhom.

602.3.3 Is-Sindku talab li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani ZLC 4/2024. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sinjorina Toshera Schembri.

602.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ser tiġi organizzata attività bil-kollaborazzjoni ma' Skolasajf Żabbar B u li kienet skedata li ssir l-għada. Is-Sur Mark Grech esprima t-tħassib tiegħu, u qal li kien jistenna li jiġi infurmat bil-quddiem u mhux biss ġurnata

qabel l-avveniment. Is-Sindku spjega li din l-opportunità nħolqot biss ftit jiem ilu u kellu jagħmel l-arranġament f'ħin qasir. Is-Sindku qal li huwa kien iddiskuta din l-attività mas-Sinjura Anna Calleja. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar din l-attività dalgħodu. Is-Sindku qal illi għal din l-attività il-Kunsill kien ser jixtri *water colours*.

602.3.5 Is-Sindku rrefera għat-talba mibgħuta mingħand l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat kunċert tal-festa. Is-Sindku qal illi l-Kunsill intalab iħallas €2,000 spiża relatata ma' dan il-kunċert. Is-Sindku ppropona li jorganizza il-kunċert tal-festa flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża għandha tkun ta' €1,000 minflok €2,000. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm hu l-baġit tal-Kunsill fejn jidħlu l-attivitajiet tal-każini. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li m'hemmx baġit fiss għall-attivitajiet tal-każini iżda hemm baġit totali għall-vot tal-kultura. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk saritx il-laqgħa dwar l-attivitajiet li kellha ssir mal-għaqdiet lokali. Is-Sindku qal li din il-laqgħa baqgħet ma saritx. Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li ssir il-laqgħa mal-għaqdiet lokali. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa kien ser jixtri b'€1,000 strumenti sabiex jintużaw għal skola banda. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kunċert bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u jorganizza kunċert flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, liema spiża għandha tkun ta' €1,000 VAT inkluż għal kull kunċert.

602.3.6 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol ta' tisbiħ tal-latrina pubblika u qal li x-xogħol kien miexi ġmielu. Is-Sindku żied jgħid li minħabba xi permessi l-kuntrattur ma setax jibda qabel, u għalhekk il-bidu tal-proġett kellu jiġi pospost, u għadu mhux komplut. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt għal tlett xhur oħra addizzjonali.

602.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li x-xogħol infrastrutturali fi Triq Ġanni Bonavia kien komplut u qal illi kien iltaqa' mal-Onorevoli Glenn Beddingfield biex jiddiskuti l-kwistjoni li għaddeja dwar rimi ta' skart illegali f'diversi żoni. Is-Sindku qal illi kienu twaħħlu *CCTV cameras* u diġa nħarġu diversi multi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien għadu jrid jiffirma l-kuntratt mal-LESA u żiedet tgħid li filwaqt li l-LESA kienet bagħtet abbozz tal-kuntratt, dan ma kienx jirrifletti l-ftehim milħuq bejn is-Sindku u s-CEO tal-LESA, li fih il-Kunsill kellu jirċievu għoxrin fil-mija (20%) tad-dħul minn ċitazzjonijiet maħruġa permezz ta' dawn il-kameras. Is-Sindku kkonferma li sejkellem lis-CEO dwar din il-materja. Is-Sindku spjega li filwaqt li l-installazzjoni tas-*CCTV cameras* għenet fil-monitoraġġ u l-iskoraġġiment tar-rimi illegali, il-problema ma ssolvitx għal kollox. Ġie nnutat li s-siti ta' rimi illegali nbidlu. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jinvesti f'aktar *CCTV cameras* permezz ta' skemi tal-LESA u l-installazzjonijiet ġodda huma ppjanati għal Triq Ġanni Bonavia, Trejqet Wied ta' Mazza u Triq Villabate. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fiż-żona tal-*Housing Estate* kien qed jinħareġ skart mhux skont l-iskeda u talbet li titwaħħal tabella li turi l-iskeda tal-ġbir ta' skart. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ser jibgħat ittri edukattivi lir-residenti li joqgħodu fiż-żona tal-*Housing Estate*. Il-Kaptan Patrick Barbara rrimarka li r-residenti tal-*Housing Estate* kienu qed jitfgħu l-iskart fis-*soft areas*. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk l-installazzjoni tal-*cameras* tatx riżultati pożittivi. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

602.3.8 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsill kien issottometta applikazzjoni għal Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure.* Is-Sindku spjega li l-proġett jinkludi l-inizjattivi li ġejjin: tisbiħ ta' *soft area* fi Triq Ix-Xghajra, tisbiħ tal-faċċata tal-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali fi Triq iċ-Ċawsli, xogħol ta' tisbiħ tat-Teatru Grieg li hemm fi Ġnien il-Kunsill u tisbieħ ta' żewġ sqaqien fiż-żona ta' Triq l-Inkurunazzjoni li jinkludi nsallazzjoni ta' arkati tal-ħadid imżejna bil-fjuri. L-ispiża totali tal-proġett hija stmata li tkun madwar €55,000 VAT inkluż. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jwettaq dan il-proġett permezz ta' Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure.*

602.3.9 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-bini mill-ġdid tal-isqaqien ta' Triq l-Inkurunazzjoni, kif ġie deċiż fil-leġislatura preċedenti, kienx lest. Is-Sindku wieġeb li kien għad fadal sqaqien xi jsiru.

602.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li aktar kmieni illum saret laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija u l-applikanti nteressati li jarmaw bar matul il-ġranet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja sabiex jiġu diskussi r-regolamenti u l-ħruġ tal-permessi mill-Kunsill.

602.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva kopja tal-programmi tal-għaqdiet lokali għal matul il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva l-programm tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ biss. Is-Sindku qal li l-programmi tal-festa kienu ġew mgħoddija lilu personalment. Is-Sindku żied jgħid li t-tindif tal-festa se jsir bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni. Se jkunu qed jipprovdu ħaddiema, makkinarju u dak kollu li hemm bżonn biex il-postijiet ikunu mnaddfin kemm qabel kif ukoll wara l-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni kienu ser joffri s-servizz ta' ħasil f'diversi toroq madwar Ħaż-Żabbar. Is-Sur Carlo Scicluna qal illi fit-30 t' Awwissu d-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni kienu ser jaħslu Triq Ġużeppi Pace. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi t-trakk tal-iskart kien qed jagħsar u jħammeġ fi Triq Ġużeppi Pace. Is-Sur Carlo Scicluna rrimarka dwar il-kontribuzzjonijiet sinifikanti mid-Dipartiment tat-Tindif, u enfasizza li dawn l-isforzi kienu fil-biċċa l-kbira dovuti għall-inizjattivi tiegħu, tas-Sur Charlie Micallef u bl-approvazzjoni tal-Onorevoli Glenn Beddingfield meta ta l-kunsens sabiex isir dan it-tindif.. Emendati

602.3.12 Is-Sindku tkellem dwar il-kwistjoni li nqgħalet minħabba l-armar tal-bnadar mal-fanali ornamentali fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku spjega li f'Mejju li għadda l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienu bagħatu jinfurmaw lill-Kunsill bl-intenzjoni li jwaħħlu l-bnadar u li jneħħuhom l-għada tal-festa ta' San Mikiel. Kopja ta' din il-korrispondenza kienet intbgħatet lill-Kunsillieri tal-leġislatura preċedenti. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kellhomx permess jarmaw dawn il-bnadar. Is-Sindku ċċara li matul il-ġimgħa li għaddiet kellu komunikazzjoni mas-Segretarju tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn infurmah li ma kienx jaf b'din it-talba peress illi l-korrispondenza kienet intbgħatet matul iż-żminijiet tal-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u bi żvista ma kienx innota l-*email.* Barra minn hekk is-Sindku nfurmah li din it-talba għandha tkun diretta lill-Arċipriet, peress illi l-armar ta' Triq is-Santwarju hija fir-responsabbiltà tal-Arċipriet u l-Grupp tal-Armar tal-Festi, u li kien hemm bżonn konsultazzjoni mas-Supretendent tal-Pulizija. Is-Sindku żied jgħid li huwa kien mexa bl-istess binarji meta *St Patrick FC* armaw Triq is-Santwarju matul iċ-ċelebrazzjonijiet u bħal meta s-Soċjetà Filarmonica Maria Mater

Gratiæ ramaw it-tazza tal-birra fuq ir-*roundabout* ta' Triq tal-Labour. Saret laqgħa bejn il-partijiet ikkonċernati permezz ta' telefonata u l-Arċipriet ikkonferma li ma kellux oġġezzjoni sakemm dawn il-bnadar jiżżarmaw l-għada tal-festa ta' San Mikiel, sa nofsinhar. Din id-deċiżjoni ġiet komunikata direttament mingħand is-Supretendent tal-Pulizija lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel. Is-Sindku spjega wkoll illi din il-kwistjoni diġa ġiet iċċarata maż-żewġ każini matul laqgħa li saret fil-jiem li għaddew. L-Arċipriet informa lis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae li ma kienx ser isib oġġezzjoni f'każ li jkunu jridu jżejnu Triq is-Santwarju jekk ikollhom xi attività. Is-Sur Mark Grech qal illi kien inħoloq preċedent u żied jgħid li jeżisti *group chat* bejn il-Kunsillieri u kien jistenna li l-membri tal-Kunsill jiġu nfurmati dwar din id-deċiżjoni, anke jekk fl-aħħar minuta. Is-Sur Mark Grech qal illi dawn l-affarijiet m'għandux isir jaf bihom mingħand terzi persuni jew irid jgħaddi mit-triq biex isir jaf. Barra minn hekk, is-Sur Mark Grech wera t-tħassib tiegħu u qal illi l-attività tas-*St Patrick FC* kienet differenti mill-festa. Dan għaliex l-attività kienet xi ħaġa li tgħaqqad liż-Żabbarin biex jifirħu għas-suċċess li kiseb it-tim tal-futbol tas-*St Patrick.* Il-problema hija li l-membri tal-Kunsill qatt ma ġew ikkonsultati qabel ittieħdet id-deċiżjoni. Is-Sindku qal illi meta sar l-armar tas-*St Patrick FC*, din il-materja ma ġietx diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sur Mark Grech qal illi ħadd ma kien ser joġġezzjona għat-tiżjin li sar mis-*St Patrick FC* u li din il-materja kienet differenti minħabba li qegħdin viċin il-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Sur Carlo Scicluna qal illi kieku kien infurmat b'dan kollu kien ikun jista jirrispondi għat-telefonati li beda jirċievi mingħand nies irrabbjati dwar il-bnadar li twaħħlu. Is-Sur Mark Grech qal li s-Supretendent kien informa wkoll lill-każini li l-Kunsill ma kellux oġġezzjoni dwar it-twaħħil ta' dawn il-bnadar. Is-Sindku qal illi l-permessi relatati mal-festa joħorġu mingħand is-Supretendent. Minħabba li l-festa ta' San Mikiel m'hix parti mill-parametri tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja, minħabba sigurtà, id-deċiżjonijiet dwar il-festa ittieħdu mis-Supretendent. Is-Sur Mark Grech insista li l-fanali ornamentali tal-Kunsill intużaw b'mod partiġġjan. Is-Sur Carlo Scicluna qal illi huwa ma kienx kontra l-prinċipju li jintramaw il-bnadar imma kontra kif imxew l-affarijiet, peress illi l-Kunsillieri ma ġewx ikkonsultati jew infurmati b'din id-deċiżjoni. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi minħabba din il-kwistjoni tal-bnadar kien hemm ħafna nies urtati. Is-Sur Mark Grech insista li qed ikun hemm diversi materji li hu ma jkunx jaf bihom u li qed isir jaf bihom mingħand in-nies. Is-Sindku spjega li jkun hemm diversi materji, fejn jidħlu l-attivitajiet tal-għaqdiet u li jkun jeħtieġ li tittieħed deċiżjoni ta' malajr mingħajr ma tissejjaħ laqgħa b'urġenza. Is-Sindku żied jgħid li għalhekk teżisti l-*item* Komunikazzjoni mis-Sindku fl-aġenda tal-Kunsill. Is-Sur Mark Grech qal jekk hemm bżonn għandha tissejjaħ laqgħa jew f'każijiet bħal dawn jistenna li jew tiġi ċċirkolata *email* jew jintbgħat messaġġ fil-*group chat* tal-Kunsillieri. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li stenna li l-Kunsill iwieġeb għall-*email* mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel f'Mejju, li tindika li d-deċiżjoni se tittieħed fil-leġiżlatura li jmiss. Is-Sur Leone Sciberras qal li darb'oħra l-affarijiet għandhom jiġu trattati differenti fil-futur biex jiġi żgurat li l-Kunsillieri jkunu jistgħu jirrispondu lill-pubbliku b'mod xieraq. Is-Sur Sciberras żied jgħid li jeżistu diversi mezzi ta' komunikazzjoni biex wieħed iwassal il-messaġġ tiegħu. Is-Sur Joseph Buttigieg ukoll qal li ġralu l-istess u li ma kienx jaf jirrispondi lill-pubbliku dwar dan il-każ. Is-Sindku qal li mhux l-ewwel darba li jikkonsulta mas-Segretarju Eżekuttiv dwar ċerti materji meta jkun jeħtieġ li jittieħdu ċertu deċiżjonijiet. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk is-Segretarju Eżekuttiv kinitx infurmata b'dan il-każ. Is-Sindku qal illi kien informa lis-Segretarju Eżekuttiv wara li għaddiet il-kwistjoni biex

jaġġornaha b'dak li ġara. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sibt stess, fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija, kienet irċeviet telefonata mingħand is-Sindku u nfurmaha b'dan il-każ. Is-Sindku qal illi jkun hemm każijiet fejn bħala Sindku jkollu jerfa' ir-responsabbiltà u jinforma lill-Kunsill matul il-laqgħa fl-*item* Komunikazzjoni mis-Sindku. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Kunsillieri kienu qed jiġu nfurmati fl-aħħar ħin, u rrefera għall-attività li saret relatata mas-saħħa. Is-Sur Buttigieg żied jgħid li din l-attività kienet diġa ppjanata meta huwa ġie nfurmat. Is-Sindku wieġeb li din l-attività ġiet diskussa u ppjanata meta l-Kunsillieri kienu għadhom ma ingħatawx id-dekasteri. Barra minn hekk, is-Sindku qal li huwa kien informa lis-Sur Buttigieg fl-istess ġurnata li l-Kunsill irċieva l-korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Istudenti tas-Saħħa (MHSA) dwar din il-proposta.

602.3.13 Is-Sur Joseph Agius talab lis-Sindku aġġornament dwar il-proġett li kellu jsir f' Misraħ San Nikola.

**602.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

602.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Lulju 2024 u l-21 t' Awwissu 2024 li kienet tammonta għal €163,728.40.

602.4.2 Is-Sindku talab li flimkien mal-iskeda jiġi approvat ħlas dovut lis-Sur Gialanze b'rabta ma' servizz ta' trasport provdut. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kont tas-Sur Gialanze kien għadu ma wasalx il-Kunsill.

**602.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Ġunju 2024**

602.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Ġunju 2024. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Ġunju 2024.

**602.6 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 4/2024)

602.6.1 Din il-materja ġiet diskussa matul l-*item* Komunikazzjoni tas-Sindku.

**602.7 Ittri Legali**

602.7.1 Is-Sindku rrefera għall-każ tat-Tribunal Industrijali numru 3638GV u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta mingħand ir-rikorrenti. Is-Segretarju Eżekuttiv iddikkjarat kunflitt ta' interess dwar dan il-każ minħabba li r-rikorrenti kienet tiġi minnha.

602.7.2 Fis-7.11 ta' filgħaxija il-laqgħa ġiet sospiża fi stadju ta' kumitat.

602.7.3 Fis-7.25 ta' filgħaxija il-laqgħa kompliet.

602.7.4 Is-Sindku rrefera għar-risposta li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-avukat tar-rikorrenti. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-avukat tal-Kunsill naqas milli jikkomunika d-deċiżjoni tal-Kunsill li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti, minkejja li ntbagħtu diversi *emails*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax it-talba tar-rikorrenti minħabba li mhix skont id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, u li jibgħat jinforma lir-rikorrenti permezz ta' ittra legali.

**602.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

602.8.1 Is-Sinjorina Martina Baldachino talbet li tiġi rranġata bankina fi Triq iż-Żagħrun minħabba li kellha l-kurduna għolja u talbet li titbaxxa l-bankina. Is-Sindku qal illi huwa diġa kien infurmat dwar dan il-każ u spjega li l-bankina kienet saqaf ta' *shaft* u kien hemm il-*cables* tad-dawl għaddejin minn taħt din il-bankina. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa x'jista' isir f'dan il-każ biex jiġi żgurat li hemm permess tal-*Planning Authority*. Is-Sindku qal illi din il-bankina saret skont il-permess tal-*Planning Authority* għax kieku ma kienx jinħareġ il-*compliance certificate.*

602.8.2 Is-Sur Mark Grech semma li kien qed jiġi avviċinat minn diversi residenti dwar il-proġett ta' San Nikola. Is-Sur Mark Grech qal li mill-informazzjoni li rċieva, il-proġett tal-Kunsill f'Misraħ San Nikola kellu jsir fuq art pubblika, u għalhekk, talab lill-Kunsill biex jagħmel pressjoni biex il-proġett jitwettaq. Is-Sur Mark Grech qal illi f'din il-pjazza kien hemm ukoll ġibjun taħt l-art. Is-Sindku qal illi kulma hemm huwa bir biss, u qiegħed taħt ir-razzett. Is-Sur Mark Grech qal illi dan il-proġett għandu jinkludi faċilità ta' parkeġġ taħt l-art. Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li xi individwi kienu qed jinsistu li l-art hija proprjetà privata. Is-Sindku spjega li hemm diversi kwistjonijiet, u informa lill-membri preżenti li ftit tax-xhur ilu, kien hemm individwi li qalu li din l-art hija tagħhom. Is-Sindku kkonferma li l-parti ta' fuq li tmiss ma' Triq il-Magħsar hija tabilħaqq privata. Il-Kaptan Patrick Barbara talab li l-Kunsill jistaqsi mad-Dipartiment relevanti dwar id-data mistennija tal-bidu tal-proġett. Is-Sur Mark Grech qal li teżisti awtorità fejn wieħed jista' jiċċekkja jekk din l-art hix privata jew le u saħaq li f'każ li din l-art hija privata, titressaq talba lill-Gvern Ċentrali sabiex issir esproprazzjoni ta' din l-art u jitwettaq il-proġett. Is-Sindku qal illi dan il-proċess diġa sar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa kienet telgħet bħala xhud il-Qorti dwar din l-art. Is-Sindku qal illi kienu għaddejin il-permessi mal-*Planning Authority* dwar dan il-proġett. Dan kollu nqala' wara li l-Kunsill kien staqsa x'sar mill-istatwa ta' San Nikola. Is-Sindku qal illi kien qed jistenna data mingħand il-Ministeru tax-Xogħlijiet sabiex jiġi diskuss l-istatus ta' dan il-proġett. Is-Sur Mark Grech talab li għal din il-laqgħa għandu jkun hemm il-Kunsillieri preżenti. Il-Kaptan Patrick Barbara talab kopja tal-korrispondenza. Is-Sur Leone Sciberras talab kopja tal-proġett propost. Is-Sindku qal illi l-pjanti proposti kienu qegħdin f'idejn il-Ministeru.

602.8.3 Is-Sur Mark Grech qal illi fi Triq il-Ġiżimina xi ħadd kien żebagħ kaxxa safra quddiem id-*drive inn* ta' dar. Meta ressaq ir-rapport il-Kunsill, il-ħaddiema ntbgħatu jneħħu l-kaxxa u minflok għamlu *double yellow line*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiema neħħew il-kaxxa minħabba li ma kinitx saret sew. Is-Sur Mark Grech qal illi huwa kellu nformazzjoni li l-kaxxa nżebgħet minn xi individwu u talab kopja tal-permess tal-*Planning Authority* li juri li hemm *drive inn*. Is-Sindku qal illi jekk dan għandu permess

għandu dritt għas-sinjali sofor. Is-Sindku qal li kien ser jitlob lill-*community police* sabiex jitolbu il-permess tal-*Planning Authority* lir-residenti li għandhom id-*drive inn.*

602.8.4 Is-Sur Mark Grech tkellem dwar *bollard* li twaħħlet fi Triq l-Iskola kantuniera ma' Triq il-Vulcan u tneħħiet ftit jiem wara. Is-Sindku spjega li din il-*bollard* tneħħiet minħabba li kienet saret minn xi individwu mingħajr il-permessi meħtieġa. Is-Sur Mark Grech qal li l-vetturi l-kbar kienu qed jolqtu l-gallarija u żied jgħid li fil-passat diġa kien hemm *bollard* tal-plastik. Is-Sindku qal illi fil-kantuniera hemm garaxx u l-*bollard* kienet ser tostakola l-aċċess tiegħu.

602.8.5 Is-Sur Mark Grech qal li fi Triq il-Qalb Imqaddsa, qabel l-elezzjoni, kien sar parkeġġ għall-muturi viċin ta' garaxx. Is-Sur Mark Grech qal illi f'dan l-ispazju kienu qed jipparkjaw il-vetturi u jostakolaw id-dħul u l-ħruġ tal-garaxx. Is-Sindku qal illi din il-kwistjoni kienet se tiġi riferuta lill-pulizija. Is-Sur Mark Grech talab li jitneħħa l-parkeġġ tal-muturi u minflok issir kaxxa safra sabiex ma jkunx hemm xkiel għal sid il-garaxx.

602.8.6 Is-Sur Mark Grech qal illi fi Triq il-Baħrija s-sitwazzjoni kienet bil-kontra, kien hemm kaxxa tal-*parking* ikbar milli suppost u kienu qed jipparkjaw żewġ vetturi issikkati. Madankollu, minħabba li l-ispazju mhux kbir biżżejjed għal żewġ karozzi, il-vetturi kienu qed jipparkjaw ukoll fuq id-*double yellow line* u jostakolaw l-aċċess tal-garaxx. Is-Sur Mark Grech talab li tiċkien il-kaxxa tal-parkeġġ u jitwal id-*double yellow line.* Is-Sindku qal illi għandha tiċkien il-kaxxa tal-parkeġġ u fl-ispazju li jibqa' issir kaxxa għall-parkeġġ tal-muturi. Is-Sur Mark Grech qal illi huwa ma kienx jaqbel għax din ma kinitx ser issolvi l-problema. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob il-parir tal-esperti ta' Transport Malta. Is-Sur Mark Grech talab li jintalab ukoll il-parir tal-esperti għall-każ ta' Triq il-Qalb Imqaddsa. Is-Sindku qal li huwa ma kienx jaqbel li jitwal id-*double line* u ssuġġerixxa li minflok isir parkeġġ għall-muturi.

602.8.7 Is-Sur Leone Sciberras talab li jiġi rranġat il-*bus shelter* Bur Bur fi Triq ix-Xgħajra minħabba li saru xi xogħlijiet riċenti fl-inħawi u l-*bus shelter* tħalla mhux komplut. Is-Sindku qal illi kien ser iressaq din it-talba lill-kumpanija *Faces.* Barra minn hekk, is-Sur Sciberras talab l-installazzjoni ta' *traffic lights* biex ikunu jistgħu jaqsmu l-*pedestrians* f'din iż-żona. Is-Sindku spjega li f'dik is-sezzjoni tat-triq ma tistax issir *zebra crossing* minħabba tħassib dwar is-sigurtà peress illi tiġi f'salib it-toroq u minħabba l-preżenza ta' diversi garaxxijiet. Is-Sur Leone Sciberras qal illi ftit iktar 'il fuq kien hemm *zebra crossing* f'kantuniera u mhux l-ewwel darba li kien ser jiġi mtajjar. Is-Sindku qal illi ż-*zebra crossing* li qed jirreferi għaliha s-Sur Sciberras ma kinitx f'salib it-toroq. Is-Sindku qal illi f'din it-triq huwa kien ressaq proposta sabiex isiru *speed bumps* iżda kien għadu qed jistenna risposta. Is-Sur Sciberras talab li ssir pressjoni ma' Transport Malta dwar din it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-istess triq, wara li sar xogħol infrastrutturali, Infrastruttura Malta baqgħu m' għamlux id-dawl taż-*zebra crossing.*

602.8.8 Is-Sur Leone Sciberras ippreżenta petizzjoni li rċieva mingħand residenti dwar *traffic island* fi Triq Alessio Erardi, ħdejn Triq il-Baħrija. Ir-residenti kienu lmentaw li t-*traffic island* kienet ta' periklu. Is-Sur Sciberras qal li huwa nfurmat li fil-passat diġa kien sar modifikazzjoni f'din it-*traffic island* u talab li l-perit tal-Kunsill jevalwa x'miżuri oħra jistgħu jittieħdu biex jitnaqqas il-periklu. Is-Sindku qal illi dik il-

petizzjoni kienet inġabret 'il fuq minn seba' snin ilu u l-Kunsill kien kien diġà implimenta l-modifiki meħtieġa. Barra minn hekk, is-Sindku qal illi meta kienu qed isiru x-xogħlijiet infrastrutturali fit-toroq tal-madwar, kien talab li jsiru xi modifikazzjonijiet f'din it-*traffic island* iżda Transport Malta ma laqatx din it-talba.

602.8.9 Is-Sur Leone Sciberras ippropona li jsir studju minn esperti biex jiġu identifikati l-ostakoli li hemm fuq il-bankina u jiġu determinati soluzzjonijiet biex il-bankini jkunu aċċessibbli għal individwi b'diżabilità. Is-Sindku qal illi diġa sar eżerċizzju simili żmien ilu mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u talab lis-Sur Sciberras iressaq il-każijiet li jaf bihom. Is-Sur Sciberras stqarr li ma kienx fattibbli għalih li jispezzjona u jidentifika l-ostakli kollha Is-Sur Joseph Agius semma li kien diġa rrapporta żewġ każi partikolari li sa llum għadhom mhux solvuti. Is-Sur Sciberras innota wkoll li kien hemm kaxxa tas-servizzi tal-GO fi Triq ix-Xgħajra li tostakola l-bankina. Is-Sur Sciberras semma l-ħtieġa li jsir analiżi minn esperti dwar il-bankini f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku ppropona li tiġi organizzata laqgħa mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità sabiex tiġi diskussa din il-possibilità.

602.8.10 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kien qed isir sewqan eċċessiv fi Triq Alessio Erardi għal Triq il-Kapuċċini u Triq il-Baħrija għal Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku qal illi kien ser jiddiskuti din il-materja ta' Transport Malta.

602.8.11 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi l-Istitut tal-Istudji Turistiċi kien talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jippromwovi l-korsijiet tagħhom fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tal-Kunsill kif ukoll sabiex jitqassam il-*prospectus* tagħhom mill-uffiċini tal-Kunsill.

602.8.12 Is-Sinjura Anna Calleja ressqet talba li kienet irċeviet mingħand residenti dwar *bus stop* li tressaq waqt ix-xogħlijiet infrastrutturali li saru minn Infrastruttura Malta fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sinjura Calleja spjegat li dan il-*bus stop* qabel kien fil-viċinanzi ta' Sqaq tal-Għargħar u r-residenti talbu li jitpoġġa lura fil-pożizzjoni oriġinali tiegħu. Is-Sindku wieġeb li r-rilokazzjoni tal-*bus stop* lura fil-post oriġinali m'huwiex fattibbli minħabba d-disinn tat-triq attwali. Is-Sindku żied jgħid li l-*bus stop* tqiegħed f'inqas minn mitt metru bogħod mis-sit oriġinali.

602.8.13 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienet saret *road hump* fi Triq G Agius Muscat u r-residenti esprimew ix-xewqa li minflok titpoġġa fi Triq Bajada. Is-Sindku qal illi r-*road hump* fi Triq G Agius Muscat saret fuq talba tar-residenti stess, akkumpanjata minn petizzjoni ffirmata minnhom u mressqa lill-Kunsill. Is-Sur Buttigieg qal illi s-sewqan eċċessiv kien qed isir fi Triq Bajada. Is-Sindku qal illi r-*road hump* kienet qed tilqa' l-ilma tax-xita wkoll. Is-Sindku talab lis-Sur Buttigieg jindika fejn iridu r-*road hump* fi Triq Bajada, flimkien ma' ittra ffirmata mir-residenti affetwati li tikkonferma l-aċċettazzjoni biex ir-*road hump* issir quddiem ir-residenzi tagħhom. Is-Sur Buttigieg qal illi fejn qed jipproponi ma joqgħdux residenti.

602.8.14 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir parkeġġ għall-muturi maġenb ir-residenzi numru 13 u 15 fi Triq Sant' Antnin. Is-Sindku qal illi dan il-parkeġġ se jsir fil-jiem li ġejjin.

602.8.15 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fi Triq tal-Labour fil-viċinanzi tal-ħanut tal-konvenjenza kien hemm il-*pedestrian crossing* mingħajr sinjal uditiv għal individwi li m'għandhomx viżjoni. Is-Sindku qal illi kien ser jinforma lil Transport Malta dwar

dan in-nuqqas. Is-Sur Leone Sciberras qal illi f'Ħaż-Żabbar m' hemmx *pedestrian crossings* li għandhom sinjal uditiv. Is-Sindku qal li dan mhux minnu u żied jgħid li l-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' din il-karatteristika u se jieħu passi biex jiġi żgurat li l-*pedestrian crossings* ikunu mgħammra bil-ħoss neċessarju.

602.8.16 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir rilokazzjoni tal-qasrija li hemm fil-kantuniera ta' Triq is-Santwarju ma' Triq Tumas Dingli minħabba li qed tostakola l-veduta tas-sewwieqa. Is-Sindku qal din il-kwistjoni kienet se tiġi indirizzata u r-rilokazzjoni ser issir fil-jiem li ġejjin.

602.8.17 Is-Sur Carlo Scicluna ressaq ilment minn sid ta' għalqa fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa dwar allegata ħsara fil-pajp tal-ilma tat-tisqija waqt xogħlijiet infrastrutturali li saru minn Infrastruttura Malta faċċata tal-Park ta' San Klement. Is-Sindku ċċara li x-xogħlijiet f'din it-triq kienu ilhom li tlestew u li l-kwistjoni tat-tnixxija tal-ilma ħarġet sena wara li tlesta l-proġett. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien diġa ddiskuta l-kwistjoni mal-bdiewa u talabhom jissottomettu applikazzjoni ta' *trenching works* ma' *Transport Malta* sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa. Madankollu, is-sid saħaq li din ir-responsabbiltà kienet tal-Kunsill. Is-Sur Scicluna qal li t-tnixxija tal-ilma bdiet wara li tħaffer kanal fi Triq il-Foss. Is-Sindku spjega li l-problema tista' tkun dovuta għall-pajpijiet imqiegħda illegalment taħt l-art. Is-Sur Carlo Scicluna qal li l-bidwi kellu *borehole* irregistrata. Is-Sindku kompla spjega li jekk bidwi għandu *borehole* reġistrata li jipprovdi l-ilma għal toroq multipli, dan jista' jitqies bħala illegali. Is-Sindku insista li l-bidwi għandu japplika għall-permess tat-*trenching RWP1* u wara l-Kunsill kien se jipprovdi dikjarazzjoni li m'għandu l-ebda oġġezzjoni sabiex issir it-tiswija. Is-Sur Scicluna enfasizza l-ħtieġa li l-kwistjoni tiġi solvuta qabel ma l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma jagħti t-tarmak fi Triq il-Foss. Is-Sindku talab lis-Sur Scicluna biex jgħaddilu aktar dettalji sabiex ikun jista' jeskala l-ilment lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, li bħalissa għaddejja bix-xogħlijiet. Barra minn hekk, is-Sindku spjega li pajp tat-tisqija mhux suppost ikun taħt l-art imma jrid ikun fil-wiċċ tat-triq.

602.8.18 Is-Sur Carlo Scicluna talab li ssir *road hump* fi Triq Sant' Antnin. Is-Sindku talbu jindika fejn irid li ssir ir-*road hump*, flimkien ma' ittra ffirmata mir-residenti affetwati li tikkonferma l-aċċettazzjoni biex ir-*road hump* issir quddiem ir-residenzi tagħhom.

602.8.19 Is-Sur Carlo Scicluna qal illi fi Triq Corrado kien qed jipparkja vann tal-ħaxix fil-kantuniera fuq id-*double yellow line* matul il-ġurnata kollha u talab li jitneħħa minn hemm. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ressaq dan l-ilment diversi drabi u huwa nfurmat li l-pulizija ħadu azzjoni. Is-Sur Scicluna talab li l-Kunsill jerġa' jgħaddi dan l-ilment lill-pulizija.

602.8.20 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jitwaħħal *dustbin* tal-klieb fi Triq Ħas-Sajjied fil-viċinanzi ta' Triq Wied il-Għajn.

602.8.21 Is-Sur Carlo Scicluna staqsa jekk kienx hemm xi pjazza proposta fi Triq l-Għakrux. Is-Sur Mark Grech qal illi l-art li hemm fi Triq l-Għakrux hija ppjanata li tkun *green area*. Is-Sindku qal illi m'għandux informazzjoni li ser isir xi proġett u qal li din l-art kienet proprjetà privata.

602.8.22 Is-Sur Carlo Scicluna qal illi kien qed jippjana ħarġa kulturali matul ix-xahar ta' Ottubru. Is-Sindku talab lis-Sur Scicluna jagħmlu laqgħa fil-jiem li ġejjin sabiex jiddiskutu l-attivitajiet kulturali.

602.8.23 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsillieri n-nisa kienu ser jorganizzaw l-attività tal-*Pink October*.

602.8.24 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi l-*bus shelter* 'Maġġi' kien tneħħa, ma sarx ieħor minfloku u wassal għal bosta ilmenti mir-residenti li joqgħodu fl-inħawi. Il-Kaptan Barbara semma l-ħtieġa li ssir *zebra crossing* biex tittejjeb is-sigurtà tal-*pedestrians*.

602.8.25 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi ta' Triq il-Kbira kien hemm *dustbin* li tneħħa u ma tpoġġiex ieħor minfloku.

602.8.26 Is-Sur Joseph Agius talab li jerġa' jitwaħħal il-monument tal-ħġieġ li kien sar fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni ta' Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-monument kien tneħħa wara li ġiet vandalizzat u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien ser jordna l-monument mill-ġdid.

602.8.27 Is-Sur Joseph Agius irrapporta li fi Triq il-Kbira, l-ispralli tal-ilma tax-xita kienu ta' periklu għaċ-ċiklisti minħabba li kien hemm spazju bejn il-ħadid tal-ispralli, li jippermettu li t-*tyre* tar-roti jidħol bejnhom.

602.8.28 Is-Sur Joseph Agius talab li jsir xogħol ta' *patching* fi Triq Lia minħabba li kien hemm xi ħofor fit-triq. Is-Sindku talab li jsir *patching* fi Triq iż-Żinġla wkoll.

602.8.29 Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rrestawrata d-Dar tas-Soru. Is-Sindku qal illi d-Dar tas-Soru kienet proprjetà privata. Is-Sur Joseph Agius qal illi kien ikun tajjeb jekk il-Kunsill joħroġ stqarrija sabiex jinforma lill-pubbliku.

602.8.30 Is-Sur Joseph Agius qal illi d-dawl ta' Triq is-Saqwi u ż-żona tal-madar qed jibqa' mixgħul. Is-Sindku qal illi kien għaddej xogħol mill-Korporazzjoni Enemalta.

602.8.31 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-proposta li l-Kunsill kien ressaq sabiex Triq Ġużeppi Pace tiġi żona pedonali matul ċertu ħinijiet. Is-Sur Joseph Agius talab li jkun hemm konċessjoni għal individwu li għandu bżonnijiet speċjali sabiex ikun jista' jidħol bil-vettura tiegħu matul il-ħinijiet li din tkun żona pedonali.

**602.9 Mozzjonijiet; u**

602.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**602.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

602.10.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

602.10.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.35 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-603 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku